# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja**

**Lezzjoni 2.4: Aħfirli, O Alla, fi Tjubitek**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. **Jitgħallmu min kien David**
2. **Jelenkaw il-kwalitajiet u d-djufijiet tiegħu**
3. **Jifhmu l-umanita' fil-persuni u kif Alla xorta jinqeda b'dawn il-persuni.**

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint: djufijiet
- Vidjo Klipp: David

  http://www.youtube.com/watch?v=QYCuxjN41b0

  http://www.youtube.com/watch?v=IejoV0ua5gk

- Karta ta' Taħriġ 2.4
- Diska: Youtube – Our Father: Cliff Richard

  http://www.youtube.com/watch?v=zvLQaGklpoA

## Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi tfakkar lit-tfal fil-Kelma "kwalitajiet" (Unit 1 Lezzjoni 2) u ħalli lilhom jgħidu xi tfisser għalihom din il-kelma.
- Fakkar fil-fatt li kull bniedem għandu kwalitajiet tajbin.
- Uri l-powerpoint bil-kelma 'djufijiet' u ara t-tfal xi tfisser għalihom din il-kelma billi jiġu jiktbu fuq l-*interactive whiteboard*.
- Oħroġ il-punt importanti li kull bniedem għandu n-nuqqasijiet jew djufijiet tiegħu.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-Lezzjoni)



- Uri l-vidjo klipp ta' David.
- Iddiskuti dan il-klipp biex toħroġ il-kwalitajiet u d-djufijiet tiegħu. (daqq tal-arpa, gwerrier tajjeb, leali lejn ir-Re Sawl, iżda kien bagħat suldat Urija biex jinqatel fil-gwerra biex b'hekk jieħu lil martu)
- Fakkar li dan il-bniedem kien iħobbu ħafna lil Alla imma kellu d-dnubiet u d-djufijiet tiegħu ukoll.  Imma Alla meta David talbu jaħfirlu bil-verità, Alla għamel dan u nqeda bih. U mir-razza tiegħu twieled Ġesù.
- David kiteb ħafna għanjiet lil Alla f'għamlu ta' poeżiji li jissejħu **Salmi**.  Kiteb Salmi biex ifaħħar u jirringrazzja lil Alla, oħrajn biex

jadurah.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 2.4. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta’ klassi imla Attività A.
- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B u wara ara li kulħadd ikun niżżel ir-risposti t-tajbin. Ħalli lill-istudenti jimmarkaw dak li laqathom. Dan hu Salm ta’ tifħir.
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li għandna nkunu umli biżżejjed li naċċettaw l-iżbalji tagħna u npattu għalihom u nitolbu maħfra minn qalbna.
- Agħlaq il-lezzjoni bid-diska minn Youtube: Our Father – Cliff Richard.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. David kien ragħaj u ġie midluk sultan mill-Profeta Samwel.
2. Hu laħaq sultan wara Sawl. Dan Sawl kien jobogħdu u kemm-il darba fittxu biex joqtlu.
3. Meta kien re, David għamel dnub kbir. Hu qatel suldat biex jieħu l-mara tiegħu.
4. Alla ma ħax gost u David kellu jieħu l-kastig li kien ħaqqu. David beka dnubietu u lil Alla talbu jaħfirlu u Alla ħafirlu.
5. David kiteb ħafna salmi lil Alla. Dawn is-salmi kien juri adorazzjoni, tifħir, ringrazzjamnet, ħniena u sogħba.
6. Meta wieħed jinduna bl-iżbalji tiegħu u jirripara, Alla jaħfer u jinsa l-iżbalji tagħna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



- Għandna nkunu umli biżżejjed li naċċettaw l-iżbalji tagħna u npattu għalihom u nitolbu maħfra minn qalbna.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Vidjo Klipp: David
- Kant: Youtube – Our Father – Cliff Richard

## Nitolbu



Sinjur Alla aħfirli għaliex kemm il-darba ngħidlek le b’dak li ngħidu u b’dak li nagħmel.